



Brussell, 13 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14859/21

AGRI 631
AGRIFIN 164
FIN 971
ENV 981
CLIMA 441

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Diċembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14478/21	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 16/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: “Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima - Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu” - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 16/2021: “Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima - Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu”

adottati mill-Kunsill fit-3838 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Rapport Speċjali Nru 16/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu:

“Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima - Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu”

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 16/2021 tal-Qorti bit-titolu “Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima - Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu”, li jivvaluta l-impatt tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;
2. JIEĦU NOTA tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni, li jikkonċernaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mis-settur agrikolu kif ukoll l-emissjonijiet minn ħamrija organika mnixxa kkultivata, u li jappellaw lill-Kummissjoni biex tivvaluta b'mod regolari l-kontribut tal-PAK għall-mitigazzjoni tal-klima; IFAKKAR li l-PAK tikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu objettivi ewlenin oħra fir-rigward tal-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma u tal-arja, u l-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi;
3. JINNOTA li s-sejbiet tal-Qorti jindirizzaw prinċipalment l-agrikoltura b'rabta mal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra; JEMMEN, madankollu, li analiżi tas-settur agrikolu u l-mitigazzjoni tal-klima għandhom iqisu wkoll: il-ħtieġa għal ikel suffiċjenti u affordabbli, b'kont meħud tal-impatt tat-tibdil fil-klima u ta' popolazzjoni li qed tikber; l-impatt ta' tnaqqis fl-għadd ta' bhejjem fuq l-ekonomija, l-impjiegi u l-għajxien taż-żoni rurali; l-impatt ta' tnaqqis tal-fertilizzanti fuq il-livell tal-produzzjoni u fuq il-grad ta' awtosuffiċjenza; u l-effetti tar- “rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju”, fejn il-produzzjoni tiġi rilokata lejn pajjiżi terzi, li twassal għal żieda fl-importazzjonijiet b'kostijiet ambjentali kumplessivament ogħla;

4. IFAKKAR li l-emissjonijiet agrikoli wara l-2010 stabbilizzaw u, fl-istess ħin, il-produzzjoni żdiedet u l-emissjonijiet għal kull unità ta' prodott naqsu iżda JIRRIKONOXXI li jeħtieġ li jiżdiedu l-isforzi sabiex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet; IFAKKAR li l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel huwa objettiv ewlieni tal-PAK u li l-produzzjoni agrikola ma tistax telimina kompletament l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, bħal dawk li jirriżultaw minn proċessi bijoloġiċi agrikoli (eż. il-gass metanu minn ruminanti);
5. JISSOTTOLINJA li s-setturi kollha tal-ekonomija ser ikollhom iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jilħqu l-miri tal-klima għall-2030 u l-2050; JISTENNA li l-PAK tagħti kontribut importanti f'dan ir-rigward billi, fost affarijiet oħra, tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-bhejjem, il-fertilizzanti u l-ħamrija b'ħafna karbonju, filwaqt li fl-istess ħin tippreżerva l-bijodiversità u l-għajxien rurali, u billi tnaqqas il-pressure fuq il-kwalità tal-ilma u tipprovdi ikel ta' kwalità għolja;
6. IFAKKAR li, fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid tal-PAK, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fost l-oħrajn, kif l-arkitettura ekoloġika proposta tagħhom ser tgħin biex jintlaħqu l-oġettivi maqbula tal-PAK stabbiliti fil-livell tal-UE; IFAKKAR UKOLL li dawn l-oġettivi jinkludu l-kisba ta' tip ta' biedja aktar sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-impenji ambjentali u klimatiċi tal-UE;
7. IFAKKAR li, fil-PAK għall-perjodu 2023-2027, il-kundizzjonalità hija msaħħa u tkopri l-pagamenti diretti kollha, anke fir-rigward tal-protezzjoni tat-torbiera u tal-artijiet mistagħdra; IFAKKAR UKOLL li 25 % tal-pagamenti diretti ser jiġu allokat għal ekoskemi ġodda u 35 % tal-baġit għall-iżvilupp rurali huwa delimitat għall-azzjoni klimatika u l-ambjent;
8. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta f'intervalli adatti l-effett tal-PAK u ta' fatturi oħra li jikkawżaw l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'kont meħud tar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom.